

Kitba tal-Kan. Dun Joe Abela

# L-IMPORTANZA KBIRA TAL-FAMILJA TABONE FIŻ-ŻEJTUN 400 SENA ILU

**Bennejja ta' kappelli u mezzi ta' difiża fiż-Żejtun.**
**Nies għonja ħbieb tal-foqra.**
**Dejjem midħla tal-kleru Żejtuni.**
**Jgħammdu u jagħtu ħelsien lill-ilsiera.**

### Familja benefattriċi taż-Żejtun

Il-manuskritti qodma fl-Arkivju Parrokkjali taż-Żejtun huma miżgħuda b'riferenzi għall-Familja Tabone, waħda mill-familji l-aktar prominenti u għonja taż-Żejtun 400 sena ilu. Kienet familja ħafna viċin tal-knisja parrokkjali, li dak iż-żmien kienet għadha dik li llum insejħulha "Ta' San Girgor". Kien żmien meta Ħaż-Żabbar u Ħal-Għaxaq kienu għadhom parti mill-parroċċa ta' Santa Katarina taż-Żejtun, u allura l-influenza tal-membri ta' din il-familja kienet tilħaq ukoll dawn iż-żewġ irħula, illum maqtugħa miż-Żejtun. Kienet ukoll familja li kellha kuntatti viċini mal-Birgu, li dak iż-żmien kellu importanza kbira f'Malta, peress li wara l-Imdina, hu kien iċ-ċentru l-aktar prominenti ta' Malta. Ma ninsewx li dak iż-żmien il-Birgu kien qisu l-belt kapitali tan-nofs-in-nhar tal-gżira. Għalkemm il-Belt Valletta kienet diġa' bdiet tinbena, il-Birgu kien għadu fl-aqwa tiegħu, peress li kien hemm li l-Ordni tal-Kavallieri ta' San Ġwann waqqaf il-bażi tiegħu meta ġie f'Malta. Iżda kien iż-Żejtun li l-aktar ibbenifika mill-ġenerożitaċ u l-ġid tal-membri tal-Familja Tabone, li kienu joqogħdu kemm f'Bisqallin, kif ukoll f'Ħal-Bisbut.

### Membri prominenti tal-Familja Tabone

F'dan l-istudju aħna se nħarsu ftit lejn xi uħud mill-membri l-aktar magħrufa dak iż-żmien ta' din il-familja, u naraw kif il-parroċċa tagħna, mhux biss il-knisja, iżda ukoll iż-Żwieten bħala individwi, ġew megħjuna minn din il-familja. Iż-Żwieten kellhom verament għalfejn ikunu grati lejn il-Familja Tabone, li għenithom billi mhux biss qasmet magħhom parti mill-ġid li kellha, iżda ukoll ħasbet biex tiddefendihom kontra l-għadu Tork. Ovvjament hu impossibbli li f'artiklu wieħed aħna nitkellmu fit-tul dwar il-ħafna membri tal-Familja Tabone li kienu joqogħdu fiż-Żejtun, iżda se nippruvaw nagħtu xi tagħrif dwar uħud minnhom, prinċipalment dwar Ġakbu, Leonardo, Mario, Clemente, Paolina, Alessandro u Blasio, kollha kunjomhom Tabuni. U se nittrattaw l-aktar il-ħidma tagħhom bejn is-snin 1575 u 1630, meta allura fiż-Żejtun kienu joqogħdu madwar 2,500 persuna. Kienu ż-Żwieten dak iż-żmien pjuttost nies foqra, li jgħixu l-aktar minn dak li kienu jipprovdulhom l-għelieqi tagħhom, l-aktar it-trobbija tal-qoton, għalkemm xi rġiel Żwieten kienu diġa' sabu impjieg ma' l-Ordni ta' San Ġwann, speċjalment fuq ix-xwieni u fil-bini. Fuq kollox iż-Żwieten kellhom imħabba kbira lejn il-knisja parrokkjali tagħhom.





Il-knisja ta' San Klement

### Ġakbu Tabuni

Fis-sena 1575 żar il-parroċċa taż-Żejtun il-Viżitatur Apostoliku Mons. Pietro Dusina. Hu ħallielna rapport interessanti ħafna dwar dak li sab fil-knejjes kollha tal-parroċċa. Il-knisja parrokkjali tal-lum ma kenitx teżisti, u l-knisja ta' San Girgor kienet għadha wisq iżgħar milli hi llum, tant illi l-kappelluni kienu lanqas biss għadhom inbnew. Żar ukoll il-knisja ta' Santa Marija fejn kienu jamministraw is-Sagramenti, u kien f'din il-knisja li **Dusina waqqaf il-Fratellanza tas-SS.mu Sagrament,** li kienet mhux biss l-ewwel fratellanza fiż-Żejtun, iżda ukoll waħda mill-ewwel fratellanżi fil-Gżejjer Maltin. L-iskop ta' din il-fratellanza kien li ġġib 'l quddiem id-devozzjoni lejn l-Ewkaristija Mqaddsa, u biex il-membri tagħha, lebsin il-kunfratija bajda, setgħu jakkumpanjaw lil Ġesu' 'Sagrament meta dan jittieħed lill-morda kif ukoll mal-mejtin meta dawn jittieħdu għad-difna. **Wieħed mill-membri ewlenin ta' din il-fratellanza kien proprju Ġakbu Tabuni**, u dan hu sinjal ċar ta' kemm din il-familja kienet viċin il-knisja parrokkjali. Il-fratellanza kellha tagħmel l-ispejjeż meħtieġa fil-knisja tar-raħal, taħseb għall-korporali fuq l-altari, tipprovdi żingla biex fiha jaħslu l-ħwejjeġ imqaddsa u tagħmel kulma kien meħtieġ kif hemm fl-ordnijiet ġenerali. Barra minn hekk dan Ġakbu Tabuni spiss jidher ismu fir-Reġistri tal-Magħmudija bħala parrinu u fir-Reġistri taż-Żwiġijiet bħala xhud. Dan jindika r-rispett li ż-Żwieten kellhom lejh f'dawk iż-żmenijiet imbegħda.

### Leonardo Tabuni

Leonardo, bniedem ta' qalb ġeneruża, kien benefattur ieħor taż-Żejtun. Ismu hu marbut mill-viċin ma' l-**inħawi ta' Ħal Tmin, għaliex kien hu li fl-1597 bena hemmhekk il-knisja ddedikata lit-Tlugħ fis-Sema tal-Verġni Marija.** Is-sena 1597 tidher imnaqqxa fid-dawra tas-Salib tal-Kavallieri bi tmien ponot, li hemm fil-faċċata ta' l-istess knisja. Ukoll l-art fejn inbniet din il-knisja kienet ta' Leonardo Tabuni, li magħha ħallielha biċċa art oħra u tliet quddisiet. Din hi knisja tipika tal-kampanja Maltija, b'forma rettangulari baxxa u b'kampnar żgħir quddiem. Il-festa ta' Santa Marija kienet tiġi ċċelebrata bl-Għasar u l-Quddiesa, kif kien isir ukoll nhar Santa Katarina u San Leonardu.

Iżda l-aktar ħaġa importanti li Leonardo ħalla marbuta ma' din il-knisja, kien **legat taż-żwieġ**, meta ħalla diversi artijiet biex id-dħul minnhom, li b'kollox kien ilaħħaq aktar minn 54 skud fis-sena, somma għolja ħafna għal dak iż-żmien, **jagħmel tajjeb għaż-żwieġ ta' xebba fqira kull sena**, bil-kundizzjoni li f'sena kienet tintagħżel tfajla fqira miż-Żejtun, u s-sena ta' wara tfajla mill-Birgu. Irridu niftakru li mart Leonardo kienet mill-Birgu u kien jisimha Katarina! Ix-xebba mill-Birgu kienet tiġi magħżula mill-Fratellanza tar-Rużarju fil-knisja tal-Lunzjata tal-Patrijiet Dumnikani u kellha tiżżewweġ fl-altar tar-Rużarju ta' l-istess knisja, filwaqt li x-xebba Żejtunija kellha tintagħżel mill-prokuraturi tal-knisja parrokkjali taż-Żejtun u tiżżewweġ fil-knisja ta' Ħal-Tmin nhar il-15 t'Awissu.

### Mario Tabuni

Fl-1593 il-prokuraturi ħasbu biex ikabbru l-knisja ta' San Girgor, billi jagħtuha l-forma ta' salib kif narawha llum. Bdew billi bnew il-kappellun tax-xellug u wara komplew bil-bini tal-kappellun tal-lemin, fejn illum hemm l-altar tas-Sagrament. Ix-xogħol dam sejjer sal-1603. Is-snin 1593 u 1603 huma mnaqqxa fir-rużuni tas-saqaf stess. Dan sar għaliex il-poplu Żejtuni kien qed jikber fin-numru, fil-prosperitaċ u s-sigurtaċ għall-Maltin li ġabu magħhom il-Kavallieri ta' San Ġwann. Wisq probabbli li l-arkitett inkarigat minn dan ix-xogħol kien Vittorio Cassar, iben il-magħruf Ġlormu Cassar, il-bennej tal-Belt Valletta. Ta' min jgħid hawnhekk, ħaġa li għadu ħadd ma qalha pubblikament, li l-Familja Cassar kellha rabta maż-Żejtun. Fil-fatt ċertu Dun Gabriel Cassar, iben l-imgħallem Ġlormu, kellu rabta sewwa mal-knisja ta' Santa Marija fir-Raħal ta' Fuq.

Fil-koppla primittiva ta' San Girgor għadna nistgħu naraw kitba bil-Latin li tfakkar li fi żmien il-Papa Pawlu V, meta Isqof ta' Malta kien Tommaso Gargallo u kappillan taż-Żejtun kien Dun Mattheo Burloċ, bil-kontribuzzjonijiet finanzjarji tal-poplu Żejtuni, il-knisja ta' San Girgor ġiet imkabbra u mogħtija dehra isbaħ milli kellha qabel. **Interessanti għalina hu l-fatt li fost il-prokuraturi tal-knisja jissemma Mario Tabuni, flimkien ma' Leonardo Tabuni.** Is-sena indikata f'din il-kitba hi 1606. Lil dan Mario Tabuni, li kien joqgħod fir-Raħal ta' Fuq, niltaqgħu miegħu wkoll bħala **prokuratur tal-knisja tal-Madonna tal-Ħniena f'Bir id-Deheb u tal-knisja ta' Santa Marija f'Ħal-Għaxaq**, meta Ħal-Għaxaq kien għadu parti miż-Żejtun. Dan it-tagħrif joħroġ mir-rapport tal-viżta pastorali ta' l-Isqof Cagliares fl-1615.

### Clemente Tabuni

Ma nistgħux nitkellmu dwar il-membri tal-Familja Tabone, mingħajr ma nfakkru lill-famuż Klement Tabone, li dwaru ġieli tajna tagħrif fit-tul f'kitbiet oħra. Kitba ħdejn l-altar

maġġur ta' San Girgor tgħidilna kif fl-1614, it-Torok attakkaw iż-Żejtun wara li niżlu fid-Daħliet viċini tar-Ramla ta' San Tumas u Wied il-Għajn. Huma għamlu ħerba mill-knisja ta' San Girgor, iżda wara ġew mitfugħa lura mill-Maltin u l-Kavallieri. **Wieħed miż-Żwieten li wera qlubija kbira f'din it-taqbida kien Klement Tabone, li wara r-rebħa ta' l-Insara bena l-knisja ta' San Klement** fir-Raħal t'Isfel, bħala att ta' radd il-ħajr lil Alla u lill-qaddis protettur tiegħu. Kitba f'din il-knisja titkellem ċar u tond dwar dan. Pittura ta' dan Klement tidher fil-kwadru ta' dan il-qaddis f'din il-knisja. Iżda Klement Tabone mhux knisja biss bena. Hu ta sehem ieħor biex jiddefendi liż-Żejtun, billi fl-1603 bena f'Ħal Tmin it-**Torri ta' Ingraw**, li sfortunatament fi żmenijiet aktar riċenti ġie mġarraf biex bil-ġebel tiegħu jibnu xi kmamar fl-għelieqi. Dan it-torri kellu kitba fuqu li kienet tgħid: *Clementis clementia non par dicto gigantum - Tabone stirpis gloriæ honoræ domus.* Kellhom tassew għalfejn iż-Żwieten ta' żmien ilu jkunu rikonoxxenti lejn dan Klement mir-Raħal t'Isfel.

**Paolina Tabuni**

Niġu issa għal membru femminili, forsi l-aktar mara prominenti, minn din il-Familja Tabone. Kienet is-sena 1602, meta **Paolina Tabuni, bint Mario, iżżewġet fiż-Żejtun lin-Nobbli Gaspare Testaferrata mill-Birgu.** Dan Gaspare kien ġurat tal-Belt Valletta għal diversi snin. Gaspare u Paolina kellhom fiż-Żejtun l-ewwel tarbija li huma semmew Laurica. Fl-1606 twelditilhom tifla oħra li tawha l-isem ta' **Dijanora**. Meta kibret din Dijanora żżewġet fl-1628 lil Angelo Bonnici, u saret l-omm ta' Melchiorre u Ugolino, fost ulied oħra. Dawn iż-żewġ subien saru t-tnejn saċerdoti u kappillani taż-Żejtun. Iżda l-aktar li jinteressana hu t-tieni wieħed: **Dun Ugolin Bonnici**, għaliex kien fi żmienu li tqegħdet l-ewwel ġebla tal-knisja parrokkjali preżenti taż-Żejtun fl-1692, u tkompla l-bini tal-parti kbira tagħha. Kien fi żmienu wkoll li bdiet tintuża l-kursija tal-knisja tal-lum bħala knisja parrokkjali wara dik ta' San Girgor. Minn hawn tidher l-importanza ta' Paolina Tabuni fl-Istorja taż-Żejtun. Li kieku ma kenitx hi li b'imħabbitha ġibdet lil Gaspare Testaferrata lejn iż-Żejtun, ma kienx ikollna lil Dijanora Testaferrata, u mingħajr Dijanora ma kienx ikollna lil Dun Ugolin Bonnici! U forsi lanqas kien ikollna t-tempju monumentali tal-lum!

**Alessandro u Blasio Tabuni**

M'għandniex spazju biżżejjed biex noqogħdu niddiskutu l-kontribut ta' tant membri oħra ta' din il-familja rinomata, iżda ma nixtieqx inħalli barra lil dawn it-tnejn l-oħra li ismijiethom spiss jidħru fir-reġistri taż-Żejtun, speċjalment bħala xhieda fiż-żwiġijiet u parrini fis-Sagramenti tal-Magħmudija u l-Griżma. Quddiem Blasio dejjem niltaqgħu mal-kelma "**Mastru**", li turi li kien raġel ta' sengħa kbira. Ismu saħansitra jidher mis-sena 1580, l-ewwel sena li jibdew ir-reġistri! Ta' min jinnota ukoll li kultant kien ikun l-istess Ħakem ta' l-Imdina li jagħmel parrinu fil-magħmudija ta' xi tarbija tal-Familja Tabone. Hekk, per eżempju, kien ***Vincenzo Castelletti, capitano della verga***, li fl-1636 għamel parrinu fil-magħmudija ta' ***Bartolomeo, figlio di Mariuzzo Tabuni***.

**Ilsiera fil-Familja Tabuni**

U xi ngħidu mbagħad dwar l-ilsiera li spiss niltaqgħu magħhom fil-Familja Tabone? Nagħmluha ċara mill-ewwel: ma rridx ngħid li dawn is-suwed (*negri*) kienu jgħixu ħajja ta' moħqrija u swat, kif nimmaġinaw aħna meta nirreferu għall-ilsiera. Kienu jkunu nies suwed, irġiel u nisa, li jinqabdu mix-xwieni ta' l-Ordni, u mbagħad jinbiegħu bħala sefturi lill-familji għonja Maltin, li kienu jippruvaw jgħallmuhom ir-Reliġjon Nisranija, jgħammduhom, jagħtuhom kunjomhom stess, u mbagħad iżewġuhom jew jagħtuhom il-ħelsien. L-istess Girgor Bonici, il-benefattur kbir tal-knisja parrokkjali taż-Żejtun, kellu aktar minn ilsiera waħda! U darba iltqajt ma' riferenza fl-Arkivju għall-magħmudija ta' ilsir ta' l-Isqof Cagliares, li kellu villa fiż-Żejtun, mill-kappillan taż-Żejtun. Dawn l-hekk imsejħa *schiavi* (ilsiera) issibhom spiss fil-Familja Tabuni. Hekk fl-1591 niltaqgħu mal-magħmudija ta' ***Filippo, negro adulto di miser Pietro Tabuni***. Fl-1586 niltaqgħu mal-magħmudija ta' ***Andreana schiava di Leonardo Tabuni di Casal Pasqualino***. Sentejn wara Leonardo Tabuni ħaseb biex jgħammed ilsir ieħor, din id-darba bl-isem ta' **Marco**. Fl-1598 ġie mgħammed ***Angelo, adulto negro di Alessandro Tabuni di Casal Pasqualino.*** Parrini kienu ***Mastro Leonardo Tabuni e Jacobo Tabuni di Casal Bisbut.***. U fl-1622 Clemente Tabuni kien il-parrinu fil-magħmudija ***di Clemente schiavo del Sign. Matthiolo Delia***. M'hemmx għalfejn nibqgħu nagħtu eżempji oħra ta' lsiera fi ħdan familji għonja Żwieten. Il-preżenza ta' dawn l-ilsiera kienet sinjal li dawn il-familji kienu sinjuri biżżejjed biex jixtru dawn l-ilsiera u jżommuhom għandhom.

Hekk tajna idea ħafifa dwar il-Familja Tabone fi żmien meta ż-Żwieten lanqas biss kienu għadhom ħolmu li jibnu knisja ġdida. Kienet familja li gawdiet fama tajba fost l-abitanti foqra ta' dan ir-raħal.